



Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

2017/2088(INI)

22.3.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar l-implimentazzjoni tal-għodod għall-bdiewa żgħażagħ tal-PAK fl-UE
wara r-riforma tal-2013
(2017/2088(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Mairead McGuinness

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' April 2017 dwar "Is-sitwazzjoni attwali tal-konċentrazzjoni tal-art agrikola fl-UE: kif niffaċilitaw l-aċċess tal-bdiewa għall-art",
- A. billi, fost dwak li daħlu għodda fis-suq, hemm rati ogħla ta' nisa identifikati bħala bdiewa primarji milli fis-settur agrikolu b'mod ġenerali;
 1. Jemmen li huwa kruċjali għas-settur tal-biedja tal-UE, partikolarment fid-dawl tat-tixjijih tal-popolazzjoni tal-biedja Ewropea, li titħeġġeġ ġenerazzjoni ġdida ta' bdiewa żgħażaġh biex jadottaw Prattiki sostenibbli, li jkun hemm viżjoni globali u li tiżdied is-sensibilizzazzjoni tagħhom dwar kwistjonijiet ambjentali, sabiex isir progress lejn soċjetà b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, u biex jiġu indirizzati l-bosta sfidi, bħat-tibdil fil-klima, il-preservazzjoni tar-riżorsi naturali (l-ilma u l-arja), it-tiġib tal-kwalità tal-ħamrija, iż-żieda fil-biodiversità u l-promozzjoni ta' produzzjoni agrikola sostenibbli tul il-katina ta' produzzjoni kollha, permezz tal-iżvilupp ta' tekniki ta' produzzjoni li jżidu s-sikurezza u l-kwalità tal-prodotti, b'enfasi fuq ikel tajjeb għas-saħħa u nutrittiv;
 2. Huwa tal-fehma li l-iżvilupp ta' Prattiki agrikoli moderni u li jirrispettaw l-ambjent, kif ukoll it-tisħiħ ta' ċirkwiti ta' kummerċjalizzazzjoni qosra li jsaħħu l-pożizzjoni tal-produtturi fil-katina tal-valur u jrawmu l-kwalità tal-ikel, se jagħmlu l-biedja iktar attraenti għall-bdiewa żgħażaġh;
 3. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura iktar koerenza bejn il-miżuri ambjentali u l-armonizzazzjoni tagħhom; itenni li l-bdiewa żgħażaġh jeħtieġu miżuri li jkunu ċari u faċli biex jitpoġġew fil-prattika;
 4. Jenfasizza l-ħtieġa li titqies id-diversità tat-territorji, b'mod partikolari f'żoni diffiċli, li jirrikjedu appoġġ imfassal apposta;
 5. Jistieden lill-Kummissjoni żżid ir-riċerka dwar l-użu ta' teknoloġiji u Prattiki agrikoli li jippermettu agrikultura sostenibbli b'impatt ambjentali żgħir;
 6. Ifakkar li, biex tinkiseb agrikultura sostenibbli, il-bdiewa żgħażaġh iridu jkunu jistgħu jinvestu u jakkwistaw kemm art agrikola kif ukoll makkinarju ġdid jew użat u jtejbu t-tekniki agrikoli tagħhom;
 7. Jenfasizza li l-istrumenti attwali tal-politika agrikola komuni (PAK) għall-bdiewa żgħażaġh u l-bdiewa li daħlu għodda fis-suq għandhom jissaħħu u jiġu ssimplifikati biex jaqdu l-ħtiġijiet reali tal-bdiewa żgħażaġh, billi jiġu introdotti strumenti għodda, bħalma huma l-fondi mutwi jew l-effett ta' ingranaġġ tal-profitti tal-assigurazzjoni, li kapaċi jipproteġu l-introjtu tal-bdiewa mill-volatilità tal-prezz tas-suq; jinnota li dawn l-għodod iridu jkunu mmirati lejn il-ħtiġijiet speċifiċi tal-bdiewa żgħażaġh u l-bdiewa li daħlu għodda fis-suq, b'attenzjoni partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-art, lejn il-ħtiġijiet

ekonomiċi u soċjali tagħhom, u lejn il-promozzjoni ta' proġetti bl-oġġla valur miżjud għall-bdiewa, li jħarsu l-ambjent u li jrawmu distinzjoni ċara bejn il-bdiewa li daħlu ġodda fis-suq u l-bdiewa żgħażaġh; u jiddikkjara wkoll li l-bdiewa żgħażaġh għandhom ikunu kapaċi jiddiversifikaw in-negozji agrikoli tagħhom; jenfasizza li l-proċeduri amministrattivi għall-bdiewa żgħażaġh għandhom ikunu effiċjenti u sempliċi sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż amministrattiv fuq l-applikanti u l-awtoritajiet pubbliċi; jemmen li l-użu ta' soluzzjonijiet u teknoloġiji innovattivi li jiffavorixxu l-ambjenti u li jkunu intelliġenti fil-livell klimatiku għat-tiżni tal-kompetittività agrikola u s-sigurtà alimentari fit-tul huwa kwistjoni ewlenija;

8. Hu tal-fehma li l-għadd ta' snin li fihom azjenda agrikola tista' tibbenefika minn appoġġ għandu jiġi rieżaminat u għandu jiżdied għal mill-inqas seba' snin, minflok ħamsa, sabiex jiġi mħeġġeġ dawran ġenerazzjonali;
9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġaw u jiffinanzjaw ir-riċerka fi Prattiki ambjentali innovattivi u l-użu ta' tali Prattiki, kif ukoll l-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli fl-azjendi agrikoli, u jipromwovu l-iskambju tal-aqwa Prattiki fost il-bdiewa;
10. Jenfasizza li t-tiġdid ġenerazzjonali huwa kruċjali għaż-żamma ta' żoni rurali vibranti u azjendi mmexxija mill-familja madwar l-Ewropa li jrawmu l-impjiegi, l-attività kummerċjali sostenibbli u l-innovazzjoni, filwaqt li tiġi żgurata l-kontinwità tal-produzzjoni agrikola u l-preservazzjoni tal-pajsaġġ naturali u kulturali lokali u l-konsolidazzjoni tal-komunitajiet lokali;
11. Huwa tal-fehma li l-età tal-bdiewa żgħażaġh għandha titqies fir-rigward tat-tiġdid ġenerazzjonali u li għandu jkun imħeġġeġ it-trasferiment tas-sjieda tal-azjendi agrikoli fi stadju iktar bikri;
12. Jinnota li dan jirrikjedi l-adozzjoni ta' perspettiva fit-tul, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għal infrastruttura u servizzi - bħalma huma l-kura tas-saħħa, is-servizzi soċjali, l-edukazzjoni, it-trasport, il-broadband b'veloċità għolja, l-aċċess għall-kreditu b'kundizzjonijiet sostenibbli, skemi xierqa ta' ħelsien mit-taxxi mmirati lejn ix-xiri jew il-kiri tal-art, inqas burokrazzja, l-istabiliment ta' aġenziji – jew it-tiżni tagħhom fejn dawn jeżistu diġà – biex jipprovdu servizzi mmirati lill-bdiewa żgħażaġh skont il-ħtiġijiet tagħhom, u teknoloġiji diġitali ġodda; iqis, għaldaqstant, li huwa essenzjali li jkun żgurat li l-bdiewa żgħażaġh fiż-żoni rurali jkunu f'pożizzjoni li jiżviluppaw l-azjendi agrikoli tagħhom u jappoġġaw il-familji tagħhom;
13. Jindika li l-organizzazzjoni ikbar u iktar b'saħħitha tal-bdiewa, permezz tal-istabiliment ta' kooperattivi u l-ħolqien ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi (OP) f'setturi regolati fil-livell tal-UE permezz tar-Regolament dwar l-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq (OKS) tista' tgħin biex il-biedja tkun tista' trendi profitt ikbar u tista' tgħin biex tiproteġi l-introjt tal-bdiewa, b'mod partikolari dak tal-bdiewa żgħażaġh, billi takkumpanja l-għażliet tal-produzzjoni u tisfrutta bl-aħjar mod il-karatteristiċi taż-żoni rurali; jinnota wkoll li jekk issir riforma strutturali tal-OP, biex isiru iktar b'saħħithom, iktar responsabbli u iktar effiċjenti, u jekk ikun hemm aggregazzjoni ikbar, ikun jista' jingħata kontribut effettiv, l-ewwel u qabel kollox, favur il-protezzjoni u ż-żieda tal-profittabilità tas-settur matul iż-żmien;

14. Jenfasizza li l-bdiewa żgħażaġh u l-bdiewa li daħlu ġodda fis-suq jirrappreżentaw sorsi importanti ta' innovazzjoni u ta' intraprenditorija fl-agrikoltura, u joffru benefiċċji bħalma huma l-introduzzjoni ta' għarfien ġdid, l-iżvilupp ta' mudelli ġodda tan-negozju msejsa fuq l-utenti aħharja, l-iżvilupp ta' sistemi agrikoli iktar sostenibbli, l-iżvilupp ta' mudelli organizzattivi ġodda (pereżempju l-biedja kondiviża, il-prefinanzjament u l-finanzjament kollettiv), iż-żieda fil-konnessjonijiet bejn il-biedja u l-komunità lokali, u l-adattament tal-għarfien tradizzjonali għall-iżvilupp ta' innovazzjonijiet ta' negozju (pereżempju l-produzzjoni ta' ikel artiġjanali);
15. Jindika li l-prattiki kummerċjali inġusti fil-katina tal-provvista tal-ikel, li l-impożizzjoni tagħhom tippermetti li x-xerrej u/jew il-proċessur jew in-negozjant jisfruttaw il-vantaġġ sinifikanti tagħhom ta' setgħa ta' negozjar fil-konfront tal-fornituri tagħhom, joħlqu theddida serja għall-istabilità tan-negozji tal-bdiewa, jiskoraġġixxu lil dawk li jappartjenu għal ġenerazzjoni iktar żagħżuġha milli jieħdu f'idejhom l-azjendi agrikoli tal-ġenituri tagħhom, u jipprevjenu l-inklużjoni ikbar tal-bdiewa żgħażaġh fit-tiġdid ġenerazzjonali taż-żoni rurali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tadotta regoli xierqa fil-livell Ewropew;
16. Jieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-aċċess għall-art ġie identifikat bħala l-iktar barriera importanti għall-bdiewa żgħażaġh u l-bdiewa li daħlu ġodda fis-suq;
17. Ifakkar li t-trasferiment tal-għarfien lill-awturi responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politiki ambjentali għadu sfida ewlenija li jeħtieġ tiġi indirizzata b'urġenza bl-appoġġ tekniku u finanzjarju meħtieġ; jenfasizza li l-bdiewa żgħażaġh iridu jkunu mħarrġa u mogħtija l-ħiliet, permezz ta' korsijiet ta' taħriġ ta' kwalità, b'enfasi speċjali fuq dawk il-ħiliet li huma nieqsa l-iktar, sabiex ikunu jistgħu jikbru professjonalment u jsibu u jimplementaw is-soluzzjonijiet dejjem iktar kumplessi meħtieġa biex jaffaċċaw l-isfidi ambjentali, ta' kwalità u ekonomiċi attwali u futuri, inklużi l-aċċess għall-aħħar żviluppi teknoloġiċi u l-użu tagħhom fil-qasam tal-biedja, jew il-biedja sostenibbli; iqis li l-livell ta' edukazzjoni tal-bdiewa żgħażaġh se jiżvolġi rwol ewlieni fl-indirizzar tal-isfidi ġejjiena u li l-livelli oġhla ta' edukazzjoni għaldaqstant għandhom jiġu ppremjati b'kontribuzzjonijiet finanzjarji oġhla; jenfasizza li dan it-taħriġ irid jiġi promoss u appoġġat mill-istituzzjonijiet bil-għan li jitnaqqas id-distakk teknoloġiku; jitlob, f'dan il-kuntest, l-iżvilupp u l-komunikazzjoni tal-għarfien u l-innovazzjoni; jenfasizza li sabiex ikun hemm innovazzjoni u soluzzjonijiet ta' suċċess, ma jridx ikun hemm żieda fil-piżijiet amministrattivi;
18. Iħeġġeġ it-twaqqif ta' skema simili għall-Erasmus biex ittejjeb il-ħiliet u l-esperjenza tal-bdiewa żgħażaġh; jemmen li tali programm għandu jkun iffokat fuq it-taħriġ vokazzjonali u jkun ta' benefiċċju għall-bdiewa żgħażaġh filwaqt li jippromwovi wkoll l-iskema bdiewa żgħażaġh;
19. Iqis li jeħtieġ li t-taħriġ professjonali pprovdut fir-reġjuni rurali jiġi mmodernizzat; jemmen li l-aċċess għall-Fond Soċjali Ewropew (FSE) għandu jiġi ffaċilitat u li għandu jingħata baġit ikbar għat-taħriġ vokazzjonali fiż-żoni rurali;
20. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri joffru iktar opportunitajiet ta' taħriġ lill-bdiewa żgħażaġh potenzjali u kkonfermati, inklużi fir-rigward ta' ħiliet meħtieġa għall-bidu ta' negozju fis-settur tal-agrikoltura u ħiliet agrikoli, teknoloġiċi u intraprenditorjali bħalma huma l-kummerċjalizzazzjoni, in-netwerking, il-komunikazzjoni u l-għarfien

espert finanzjarju;

21. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri biex jiżguraw l-introjt tal-bdiewa fil-konfront tar-riskji klimatiċi, ekonomiċi u tas-saħħa, u b'hekk jagħmlu l-azjendi agrikoli aktar reżiljenti, b'mod partikolari billi jintroduċu għodod ġodda għall-ġestjoni tar-riskji u jsaħħu l-għodod eżistenti;
22. Jenfasizza l-importanza li jkun hemm koerenza bejn il-miżuri lokali, nazzjonali u dawk tal-UE li jikkonċernaw lill-bdiewa żgħażaġħ; jistieden lill-Istati Membri jiffaċilitaw it-tiġdid ġenerazzjonali, inkluż permezz ta' liġijiet tas-suċċessjoni u tat-tassazzjoni, regoli dwar l-aċċess għall-art, proċeduri trasparenti, ippjanar territorjali u strateġiji ta' suċċessjoni tal-azjendi agrikoli; jinnota li s-sistema attwali ta' pagamenti tal-PAK, u b'mod partikolari l-pagamenti diżakkoppjati, tista' twassal għal prezzijiet oġhla ta' kiri u ta' xiri, ma tippromwovix it-trasferiment ta' art agrikola u ma tippoteġix b'mod adegwat lill-bdiewa żgħażaġħ mill-volatilità tal-prezzijiet agrikoli, li huma esposti iktar għaliha għal raġunijiet ċari dovuti għall-fatt li jkunu għadhom jibdew u ma jkollhomx l-esperjenza Prattika jew għall-fatt li ma jkollhomx strumenti finanzjarji suffiċjenti disponibbli għalihom;
23. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu impenn sod favur kanali ta' kummerċjalizzazzjoni diretti li jippermettu lill-bdiewa żgħażaġħ ibiegħu l-prodotti tagħhom fis-swieq lokali b'mod iktar sostenibbli u bi profitt ikbar;
24. Jirrakkomanda li tiġi kkunsidrata mill-ġdid l-implimentazzjoni ta' miżuri li jimmotivaw lid-detenturi ikbar fl-età biex jgħaddu l-azjendi agrikoli tagħhom lil bdiewa żgħażaġħ, bħalma hi "l-iskema ta' ħruġ mill-biedja" u inċentivi oħra għall-irtirar;
25. Jemmen li kwalunkwe strateġija ta' suċċess favur it-tiġdid ġenerazzjonali għandha tkun imsejsa fuq approċċ olistiku, filwaqt li tippromwovi Prattiki ambjentali tajbin, u tkun imfassla biex toħloq opportunitajiet ta' impjiegi ġodda għaż-żgħażaġħ, tiżgura l-kontinwità tal-produzzjoni agrikola, il-prestazzjoni tat-territorju u l-konsolidazzjoni tal-komunitajiet, filwaqt li fl-istess ħin tiffaċilita l-aċċess tal-bdiewa għall-art, permezz ta' proċeduri trasparenti u kuntratti ġusti, finanzjament bankarju u skemi ta' kreditu oħrajn, finanzjament konċessjonarju – għal dwak iż-żgħażaġħ ġodda fis-suq, b'mod partikolari fir-rigward tal-azjendi agrikoli ż-żgħar – u filwaqt li tippromwovi l-iskambji bejn bdiewa żgħażaġħ minn pajjiżi differenti, bl-istess mod bħall-programm Erasmus, servizzi ta' konsulenza, taħriġ agrikolu u Prattiki agrikoli sostenibbli; jenfasizza li dan għandu jagħmel il-biedja sostenibbli, li hija ta' importanza vitali għall-umanità, okkupazzjoni attraenti u sostenibbli kemm għall-bdiewa żgħażaġħ kif ukoll għas-soċjetà iġenerali; jenfasizza li x-xogħol tal-bdiewa żgħażaġħ għandu jkun rikonossut mis-soċjetà ċivili bħala xogħol ta' benefiċċju pubbliku, u li l-bdiewa żgħażaġħ għandhom jirċievu wkoll rikonossiment għax-xogħol li jwettqu;
26. Jiġbed l-attenzjoni għall-karatteristiċi speċifiċi tar-Reġjuni Ultraperiferiċi tal-UE, li s-sitwazzjonijiet ambjentali, klimatiċi u tas-saħħa uniċi tagħhom huma differenti ħafna minn dawk tal-kontinent Ewropew, u għaldaqstant jitlob, kif previst fl-Artikolu 349 tat-TFUE, konsiderazzjoni ikbar ta' dawn ir-reġjuni u tal-assi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom fl-implimentazzjoni u l-iżvilupp tal-istrumenti tal-PAK għall-bdiewa żgħażaġħ, inkluż f'termini ta' aċċess għall-finanzjament;

27. Jenfasizza li impriżi żgħar u tal-familja li joperaw f'kundizzjonijiet diffiċli u li jkunu qed ifittxu sorsi addizzjonali ta' introjtu għandhom jiġu meħjuna saħansitra iktar, pereżempju permezz tal-finanzjament ta' servizzi ta' konsulenza jew mudelli innovattivi ta' negozju;
28. Iqis li huwa importanti titrawwem l-estensjoni tan-netwerks tar-riċerkaturi, l-akkademiċi, il-manigera u l-bdiewa żgħażaġħ Ewropej li huma interessati fl-identifikazzjoni ta' mudelli ġodda ta' żvilupp ekonomiku biex jinstabu soluzzjonijiet innovattivi għall-ħtiġijiet soċjali u tas-suq li qed jitfaċċaw mid-dinja l-għdida ta' negozju rurali;
29. Jirrakkomanda li t-tiġdid ġenerazzjonali jrid iqis ukoll it-tiġdid interġenerazzjonali għall-benefiċċju tal-bdiewa żgħażaġħ u dawk ikbar fl-età; jinnota kemm hu importanti li l-bdiewa jfasslu pjan għas-suċċessjoni tal-azjenda agrikola, u jinnota l-ħtieġa ta' pagament tranżitorju biex tiġi ffaċilitata din is-suċċessjoni;
30. Jenfasizza li l-introduzzjoni ta' miżura ta' għajna tal-bidu obligatorju għall-bdiewa żgħażaġħ għandha tiġi kkunsidrata fi kwlaunkwe PAK ġejjiena.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni | 20.3.2018 |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: 61 -: 1 0: 0 |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Marco Affronte, Margrete Auken, Pilar Ayuso, Ivo Belet, Biljana Borzan, Paul Brannen, Soledad Cabezón Ruiz, Nessa Childers, Birgit Collin-Langen, Miriam Dalli, Seb Dance, Angélique Delahaye, Mark Demesmaeker, Stefan Eck, Bas Eickhout, Karl-Heinz Florenz, Francesc Gambús, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Arne Gericke, Jens Gieseke, Julie Girling, Sylvie Goddyn, Françoise Grossetête, Andrzej Grzyb, Jytte Guteland, Anneli Jäätteenmäki, Karin Kadenbach, Kateřina Konečná, Urszula Krupa, Giovanni La Via, Jo Leinen, Peter Liese, Lukas Mandl, Valentinas Mazuronis, Susanne Melior, Rory Palmer, Massimo Paolucci, Piernicola Pedicini, Bolesław G. Piecha, Pavel Poc, Julia Reid, Frédérique Ries, Michèle Rivasi, Daciana Octavia Sârbu, Annie Schreijer-Pierik, Davor Škrlec, Renate Sommer, Claudiu Cîprian Tănăsescu, Ivica Tolić, Adina-Ioana Vălean, Jadwiga Wiśniewska, Damiano Zoffoli |
| Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali | Christofer Fjellner, Elena Gentile, Merja Kyllönen, Norbert Lins, Gesine Meissner, Ulrike Müller, Mihai Țurcanu |
| Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali | Fernando Ruas, Ruža Tomašić |

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT MITLUB JAGĦTI OPINJONI

| 61 | + |
|------------|---|
| ALDE: | Gerben-Jan Gerbrandy, Anneli Jäätteenmäki, Valentinas Mazuronis, Gesine Meissner, Ulrike Müller, Frédérique Ries |
| ECR: | Mark Demesmaeker, Arne Gericke, Urszula Krupa, Bolesław G. Piecha, Ruža Tomašić, Jadwiga Wiśniewska |
| EFDD: | Piernicola Pedicini |
| ENF: | Sylvie Goddyn |
| GUE/NGL: | Stefan Eck, Kateřina Konečná, Merja Kyllönen |
| PPE: | Pilar Ayuso, Ivo Belet, Birgit Collin-Langen, Angélique Delahaye, Christofer Fjellner, Karl-Heinz Florenz, Francesc Gambús, Elisabetta Gardini, Jens Gieseke, Julie Girling, Françoise Grossetête, Andrzej Grzyb, Giovanni La Via, Peter Liese, Norbert Lins, Lukas Mandl, Fernando Ruas, Annie Schreijer-Pierik, Renate Sommer, Ivica Tolić, Mihai Țurcanu, Adina-Ioana Vălean |
| S&D: | Biljana Borzan, Paul Brannen, Soledad Cabezón Ruiz, Nessa Childers, Miriam Dalli, Seb Dance, Elena Gentile, Jytte Guteland, Karin Kadenbach, Jo Leinen, Susanne Melior, Rory Palmer, Massimo Paolucci, Pavel Poc, Daciana Octavia Sârbu, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Damiano Zoffoli |
| VERTS/ALE: | Marco Affronte, Margrete Auken, Bas Eickhout, Michèle Rivasi, Davor Škrlec |

| 1 | - |
|------|------------|
| EFDD | Julia Reid |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni